MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 130/2008

**Av. David Tonna bħala prokuratur speċjali f'isem is-soċjetà estera *Imperial Tobacco Limited***

***versus***

**Av. Cedric Mifsud u P.L. Pauline Mallia maħturin b'dikriet tat-8 ta' Ottubru 2010 kuraturi deputati biex jidhru għas-soċjetà *Unistar Shipping S.R.L***

1. Din il-kawża hija dwar drittijiet ta' proprjetà industrijali.
2. Is-soċjetà attriċi tgħid illi hija proprjetarja tal-marka tas-sigaretti *L&B* u *L&B Lambert & Butler*, u hija proprjetarja wkoll tas-sinjali distintivi li jidhru fuq il-pakketti tas-sigaretti u għandha d-dritt ta' awtur fuq id-disinji murija fuq l-istess pakketti. Għandha wkoll id-dritt ta' proprjetà industrijali tal-markju *L&B* fil-komplessità tiegħu irreġistrat f'Malta taħt *Trademark nº 22359* taħt l-art. 2 tal-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414], u tal-markju *L&B Lambert & Butler* li huwa reġistrat bħala

*Trademark* komunitarju mal-*Office for Harmonisation in the Internal Market* bin-numru 003036928.

3. Irriżulta illi fl-10 ta' Jannar 2008 iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur *MV CMA-CGM Mozart* ġewwa *container* numru CMAU5119954, u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' disa' mija u sebgħa u erbgħin (947) kaxxa sigaretti li jġibu l-markju *L&B* jew *L&B* LAMBERT *&* BUTLER u s-sinjali distintivi fuq imsemmija. L-attriċi tgħid illi dawn is-sigaretti – illi s-soċjetà konvenuta hija murija bħala l-konsenjatarja tagħhom waqt illi x-*shipper* tidher illi hija *Adar (Shenzen) Co. Ltd* – ma humiex ġenwini u għalhekk id-dħul tagħhom f'Malta huwa bi ksur tal-art. 4 tal-Kap 414 u bi ksur ukoll tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-attriċi taħt l-art. 2(1)(*a*)(i) u (iii) u l-art. 2(1)(*b*) tal-Kap. 414, u l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-azzjonijiet li tieħu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li jridu jittieħdu kontra prodotti li jinstabu li jiksru l-imsemmija drittijiet.

4. Din il-konsenja ta' sigaretti ġiet miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap 414 u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1383/2003 wara talba bil-miktub li għamlet is-soċjetà attriċi lill-istess Kontrollur tad-Dwana wara li ngħatatlu l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ.

5. Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti:

(i) tgħid illi s-sigaretti fuq imsemmija, li jinsabu maqbuda f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana, huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija (skond l-art. 2(1)(*a*)(i) u (iii) u l-art. 2(1)(*b*) tal-Kap. 414, u/jew l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1383/2003);

(ii) tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja ta' sigaretti jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi għax ma humiex ġenwini, skond l-art. 2(1)(*a*)(i) u (iii) u 2(*b*) tal-Kap 414 u għaldaqstant jiksru l-art. 4 tal-istess Kap 414 dwar it-*trademark* reġistrat f'isem is-soċjetà attriċi bin-numru 22359 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew

dwar id-drittijiet ta’ l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq id-disinn jew ix-xogħol artistiku tagħha muri fuq il-pakketti;
(iii) tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta’ din il-konsenja ta’ sigaretti tikser l-art. 2(1)(*a*) u (*b*) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 dwar it-*trademark* reġistrat f’isem is-soċjetà attriċi bin-numri 22359 fir-Reġistru tal-Markji ta’ Malta, u/jew dwar it-*trademark* komunitarju numru 003036761 u/jew dwar id-drittijiet ta’ l-awtur illi s-soċjetà attriċi għandha fuq id-disinji jew xogħlijiet artistiċi tagħha murija fuq il-pakketti;
(iv) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà konvenuta a bażi ta’ l-ewwel, it-tieni u/jew it-tielet talba sabiex jeqirdu s-sigaretti fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lill-konvenuta, u bi flusha, kif igħid u jrid l-art. 8 tal-Kap 414;
(v) tagħti kull rimedju iehor li tista’ tagħti taħt l-Att dwar Drittiijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) u/jew taħt ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003;
(vi) tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda tas-sigaretti fuq imsemmija, u l-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana kif irid il-Kap 414.

6. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

7. Il-kuraturi li nħatru biex jidhru għas-soċjetà konvenuta wieġbu illi ma semgħux mingħandha u għalhekk ma jafux il-fatti tal-każ.

8. Mix-xiehda b’*affidavit* ta’ George Agius, uffiċjal tad-Dwana, u r-rapport ta’ l-analiżi maħruġ minn Klaus Messerig jidher illi tassew illi l-prodotti msemmija fir-rikors iġibu fuqhom il-marka tas-soċjetà attriċi u ma humiex awtentiċi. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jintlaqgħu.

9. Għalhekk il-qorti taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi; tgħid illi s-soċjetà konvenuta kisret id-dritt ta’ *trademark* u ta’ proprjetà industrijali u intellettwali tas-soċjetà attriċi, u tagħti lill-Kontrollur tad-Dwana, jekk meħtieġ bil-għajnuna tal-Pulizija Esekuttiva, is-setgħa li minnufih jeqred il-konsenja fil-preżenza ta’ rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti.

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------